# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 16**

**Avviz numru 1230/00/SM**

**Stephen Said**

**vs**

**Alessio Zarb**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-istanti d-danni minnhu subiti li huma ta' elf Lira Maltin, (LM1000) in segwitu ghall-incident stradali li sehh H'Attard fit-22 ta' Gunju 2000 bejn il-vettura HAB-052 misjqua mill-istanti u l-mutur EBF-883 misjuq minnu, prevja dikjarazzjoni li hu kien responsabbli ghall-incident minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;**

2. **Bl-ispejjez komprizi LM40.25,0 ta' ittri u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Settembru, 2000**

**ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-26 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut ecepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-tabiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur billi l-kollizjoni meritu tal-kawza grat unikament minhabba t-tort u t-traskuragni tal-attur Stephen Said bhala rizultat ta' manuvra li ghamel l-istess attur u wassal ghall-incident mertu ta' dina l-kawza;**

2. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident stradali in dizamina sehh ghall-habta tat-8.20 ta' filghaxija tat-22 ta' Gunju tas-sena 2000 fi Triq iz-Zaffran, H'Attard, bejn mutur bin-numru ta' registrazzjoni EBF 883 misjuq mill-konvenut Zarb u vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAB 052 misjuqa mill-attur Said;**

2. **Illi jirrizulta li d-dinamika ta' l-incident kienet is-segwenti:**

    a. **Illi l-attur Said kien fit-triq fuq indikata u kien qieghed jimmanuvra biex jidhol fid-"drive way" tar-residenza tieghu minn bejn il-"barriers" li kienu qed jiddelineaw it-triq peress li kien hemm xi xogholijiet stradali;**

**b. Illi l-konvenut kien qieghed jissorpassa lill-attur minn naha ta' gewwa u baqa' diehel fil-vettura ta' l-attur;**

**c. Illi l-konvenut ghandu verament jirringrazzja l-astri tieghu li ma kienx hemm ezitu differenti ta' l-incident de quo;**

**3. Illi l-attur Said isostni li meta gie biex jidhol fid-"drive way" tieghu hu xeghel l-"indicator" tieghu biex jindika lit-traffiku ta' warajh id-direzzjoni li  hu kien sejjer fiha, (ara fol 31);**

**4. Illi fid-deposizzjoni tieghu, il-konvenut isostni li ma rax l-imsemmi "indicator" jixghel;**

**5. Illi jirrizulta li l-konvenut kien qieghed isuq b' velocita' sostenuta u kien ghalhekk li bl-impatt, huwa tar minn fuq il-karozza involuta;**

**6. Illi d-danni sofferti mill-attur komplessivament jammontaw ghall-tlett mija, disa' u sebghin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM379.50,0), ara fol 31;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-ispeed li bih kien qed isuq il-konvenut tassew jimmilita kontra tieghu;**

**Illi in oltre, bhala l-konducent tal-vettura li kienet qed taghmel il-manuvra tas-sorpass, il-konvenut kellu d-dover li jagixxi bi prudenza kbira biex ma jkunx ta' perikolu ghalieh u ghall-terzi, kif fil-fatt kien;**

**Illi fl-ahharnett ghandu jinghad li ghalkemm isostni li ma rax l-'indicator' tal-vettura  ta' l-attur, fih in-nifsu dan ma jfissirx li l-'indicator' ma kienx mixghul;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti taqta' u tiddeciedi illi:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Alessio Zarb unikament responsabbli ghall-incident de quo;**

**2. Tiddikjara d-danni sofferti mill-attur Stephen Said fl-ammont ta’ tlett mija u disa’ u sebghin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM379.50,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Alessio Zarb biex ihallas l-ammont ta' danni hawn likwidati, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**